**10 ta' Mejju, 1996**

**Imħallef:-**

**Onor. Frank G. Camilleri LL.D.**

Pierre Travers Tauss

*versus*

Direttur tar-Reġistru Pubbliku *et noe*

**Artikolu 81 tal-Kodiċi Ċivili - Twelid ta' wild fi żmien separazzjoni de facto - Applikazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja - Nozzjoni ta' Familja**

*Il-prinċipju huwa li l-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin żewġ ommu. Iżda aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed taqbad l-għeruq il-fehma li r-realtajiet bioloġiċi soċjali għandhom jipprevalu fuq il-preżunzjoni legali li* pater est quem iustae nuptiae demonstrant. *Fil-każ ta'* ***Kroon versus The Netherlands****, il-Qorti Ewropea ħadet in konsiderazzjoni li n-nozzjoni ta' familja ma kinitx ristretta biss għar-relazzjonijiet ibbażati fuq iż-żwieġ iżda tapplika ukoll għal* de facto family ties *oħra fejn il-partijiet ikunu qed jgħixu flimkien iżda mhux fl-għaqda taż-żwieġ. Huwa fid-dover ta' l-istat li jaġixxi b'mod li din ir-relazzjoni tkompli tiżviluppa fl-interess ta' l-istess minuri. Għalhekk l-artikolu 81 tal-Kodiċi Ċivili m'għandux joħloq ostakolu għall-akkoljiment tat-talbiet ta' l-attur.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha, wara li ppremetta:

Li fis-17 ta' Settembru, 1993, fl-isptar Karen Grech, Pieta', Eve mart Charles Vassallo welldet tarbija tifla li ngħatat l-isem ta' Petra Carmen Clothilde u li tagħha huwa l-missier naturali;

Li, b'kuntratt tat-28 ta' Jannar, 1994, fl-atti tan-Nutar Pierre Attard, huwa rrikonoxxa bħala bintu lill-imsemmija tarbija u kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa;

Talab li l-konvenuti jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex, previja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi:

Tiddikjara li huwa l-missier naturali tat-tarbija Petra bint Eva Vassallo mwielda fis-17 ta' Settembru, 1993 fil-Pieta';

Tordna li l-paternita' tiegħu tiġi debitament magħrufa fl-Att tat-Twelid ta' Petra numru 4798/1993 u b'hekk tieħu l-kunjom tiegħu;

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat l-opportuna pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern numru 15,890 tat-22 ta' Frar, 1994 permezz ta' l-Avviż numru 238;

Rat *in-nota ta'* Eva Vassallo, b'digriet tal-21 ta' Frar, 1994 nominata kuratriċi biex tirrappreżenta l-interessi tal-minuri bintha Petra Carmen li biha ammettiet it-talbiet kif dedotti fiċ-ċitazzjoni odjerna;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-*Reġistru Pubbliku li biha eċċepixxa:*

Illi l-att tat-twelid in kwistjoni numru 4798/93 relattiv għall-minuri Petra Carmen Clothilde ġie redatt korrettement skond il-liġi u jirrifletti l-istat leġittimu tal-wild fl-epoka tat-twelid;

Illi l-istess att ġie redatt u l-paternita' llum impunjata ġiet hekk indikata minn Eva Vassallo, mart missier il-minuri;

Bla preġudizzju, illi huwa mhux edott f'dan l-istadju mill-fatti kollha li taw lok għall-kawża odjerna u jirrimetti ruħu għall-provi;

F'każ li t-talba attriċi tiġi akkolta, l-att tat-twelid imsemmi għandu jiġi korrett fis-sens li Carmel Vassallo u l-partikolaritajiet relattivi għalih ikunu sostitwiti b'dawk ta' Pierre Travers Tauss; illi l-istess Pierre Travers Tauss ikun indikat bħala "missier illeġittimu" u li l-frażi *the said*, fil-kolonna ndikanti l-omm il-minuri, tiġi kanċellata;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat in-nota tal-konvenut Carmel *sive* Charles Vassallo li biha ammetta t-talbiet attriċi u ddikjara li t-tifla Petra Carmen Clothilde hija bint naturali ta' Eve Vassallo u mhix bintu għax huwa kien ilu s-snin separat *de facto* minn ma' martu Eve Vassallo;

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Ġunju, 1995 li bih issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza billi riedet li l-Avukati jittrattaw dwar il-portata ta' l-artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili fir-rigward ta' "impossiblita' fiżika";

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-30 ta' Ġunju, 1995 fejn jirriżulta li l-Avukat Dottor Edwar Debono għall-attur, talab li jagħmel Nota ta' l-Osservazzjonijiet u l-Qorti laqgħet it-talba u tagħtu l-fakolta' li jippreżenta Nota ta' Osservazzjonijiet fuq il-punt issollevat minnha sat-30 ta' Awissu, 1995 bil-visto tad-difensur tal-kontro-parti, li ngħata sat-30 ta' Settembru, 1995, għar-risposta;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-30 ta' Ottubru, 1995 fejn jirriżulta li l-Avukat Dottor Debono talab aktar żmien biex jippreżenta n-Nota ta' Osservazzjonijiet u l-Qorti laqgħet it-talba u estendietlu żmien sat-30 ta' Novembru, 1995 b'dan li din in-Nota tiġi ppreżentata bil-visto tad-difensuri tal-kontro-parti li

jkollhom sat-30 ta' Diċembru, 1995 għar-risposta;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet ta' l-attur u tal-kuratriċi Eva Vassallo;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Eżaminat id-deposizzjonijiet u l-affidavit tal-konvenut Vassallo;

Ikkunsidrat:

Li l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li huwa l-missier naturali tat-tarbija Petra li twieldet minn Eva mart Charles Vassallo fis-17 ta' Settembru, 1993, fl-Isptar Karen Grech, Pieta' u li, konsegwentement, tordna li fiċ-Ċertifikat tat-Twelid tagħha, li jġib in-numru progressiv ta' 4798/1993, l-paternita' tiegħu tiġi rikonoxxuta;

Jidher ċar li l-attur qiegħed jipprevalixxi ruħu mid-dispost ta' l-artikolu77 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid testwalment dan:

"Il-leġittimita' ta' tifel imwieled matul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata ukoll minn kull min ikollu interess, jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-raġel kien fl-impossibbilita' fiżika li jgħammar ma' martu minħabba li kien bogħod minnha";

Għandu jingħad li kemm Eva Vassallo, li fil-kawża qiegħda tirrappreżenta l-interessi ta' l-istess minuri u żewġha Charles Vassallo, li jinsab imħarrek għal kull interess li jista' jkollu, t-tnejn ippreżentaw nota li permezz tagħha ammettew it-talbiet ta' l-attur u l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku,

filwaqt li eċċepixxa li l-Att tat-Twelid tal-minuri kien ġie redatt korrettement skond il-liġi u jirrifletti l-istat leġittimu tal-wild *fl-*epoka tat-twelid u li l-paternita' illum impunjata kienet hekk indikata minn Eva Vassallo, iddikjara li ma kienx edott f'dan l-istadju mill-fatti kollha li taw lok għall-kawża odjerna u rrimetta ruħu għall-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti tal-kawża jirriżulta li huma s-segwenti:

Fis-17 ta' Settembru, 1993 Eva Vassallo mart il-konvenut Charles Vassallo welldet tarbija, tifla li ngħatawlha l-ismijie Petra Carmen Clothilde,

Eva Vassallo kienet ilha separata *de facto* minn żewġha sa mit-30 ta' Lulju, 1991 u b'kuntratt ta-28 ta' April, 1993, fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard, hi u żewġha sseparaw legalment wara debita awtorizzazzjoni mis-Sekond'Awla;

Fit-28 ta' Jannar, 1994 l-attur u Eva Vassallo dhru fuq kuntratt opportun, fl-Atti ta' l-istess Nutar, u filwaqt li Eva Vassallo ddikjarat li l-imsemmija minuri kienet il-frott tar-relazzjoni tagħha ma' l-attur, l-istess attur ammetta dan u ddikjara li kien qiegħed jirrikonoxxi bħala bintu lill-istess tarbija tifla, fuq imsemmija;

Il-konvenut Vassallo, fl-affidavit tiegħu (fol. 29), jgħid li r-raġuni li wasslitu biex jissepara *de facto* minn ma' martu kienet li huwa kien sar jaf li kienet qiegħda tiffrekwenta lill-attur. Allura, huwa talabha titlaq mid-dar konjugali u fil-fatt, maret tgħix ma' l-attur f'dar f'Baħar iċ-Ċagħaq u hu baqa' jgħix fid-dar konjugali, fl-Imdina;

Madwar sena u nofs wara li sseparaw *de facto*, martu qaltlu li kienet ħarġet tqila mill-attur u, għalhekk, huwa ħass li din is-sitwazzjoni kienet intollerabbli u nsista magħha li jinfirdu legalment u sar l-att ta-28 ta' April, 1993;

Issa li l-attur irrikonoxxa lil Petra bħala bintu b'Att tat-28 ta' Jannar, 1994, fl-Atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard, il-konvenut Vassallo ma jridx li din tibqa' ġġib kunjomu għaliex mhix bintu iżda bint l-attur u, għalhekk, mhux ġust li huwa jidher fuq iċ-Ċertifikat tat-Twelid tagħha bħala missierha;

L-attur u l-konvenuta Eva Vassallo ilhom jgħixu flimkien bħala koppja miżżewġa f'dar li huwa kera f'Baħar iċ-Ċagħaq għal dawn l-aħħar erba' snin u t-tifla minuri hija l-frott ta' din il-konvivenza, tant li twieldet wara qiesu sena u nofs li bdew jgħixu flimkien;

Biex aktar tiġi assodata l-paternita' ta' l-attur, il-partijiet għamlu l-prova li l-konvenut u l-konvenuta għandhom it-tnejn il-*blood group A rhesus positive*, filwaqt li l-*blood group* tat-tifla Petra huwa *AB rhesus positive*, u, għalhekk, ma tistax tkun bint il-konvenut (Dokti. PTT1, PTT2 u VEPA);

Ikkunsidrat:

Huwa indubitat li l-attur għandu interess li jattakka l-leġittimita' tat-tifla minuri Petra iżda huwa ma jistax jirnexxi b'din l-azzjoni jekk ma jippruvaw li r-raġel ta' Eva Vassallo, ċjoe' l-konvenut, fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifla kien fl-impossibbilita' fiżika li jgħammar magħha minħabba li kien bogħod minnha;

Din il-Qorti jidhrilha li, fil-każ in eżami, l-attur irnexxielu jagħmel din il-prova. Kif ġa' intqal, il-konvenut Vassallo infired

minn martu malli sar jaf li kienet qiegħda tiffrekwenta lill-attur; jirriżulta li huwa talabha titlaq mid-dar konjugali u, fil-fatt, telqet u marret toqgħod ma' l-attur f'dar li huwa (l-attur) kera biex jingħata bidu għall-konvivenza ta' bejniethom bħala mara *u raġel miżżewwġa*. Wara sena u nofs li kienu ilhom jgħixu flimkien, twieldet il-minuri Petra. Il-konvenut kien sar jaf li martu ħarġet tqila mingħandha stess u huwa kien pront jibda proċeduri fis-Sekond'Awla għas-separazzjoni konsenswali u, fit-28 ta' April, 1993 ġie pubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni bejniethom. Fis-17 ta' Settembru, 1993 twieldet it-tarbija Petra u fit-28 ta' Jannar, 1994 l-attur irrikonoxxa lil Petra bħala bintu. Il-konvenut, li baqa' jgħix fid-dar konjugali fl-Imdina, ikkonferma bil-ġurament tiegħu li miż-żmien li huwa u martu sseparaw *de facto* huwa ma kellu l-ebda relazzjoni sesswali magħha u lanqas ma ltaqa' magħha jew għix magħha. Di piu, saret il-prova li l-konvenut ma jistax ikun missier it-tarbija Petra għaliex filwaqt li l-*blood group* tiegħu u ta' Eva Vassallo huwa *A rhesus positive*, dak tat-tarbija huwa *AB rhesus positive*;

Għalhekk, f'dan l-istat tal-provi proċesswali, l-Qorti tinsab sodisfatta li l-konvenut fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifla kien fl-impossibbilita' li jgħammar ma' martu minħabba li kien bogħod minnha mhux biss fiżikament iżda ukoll emozzjonalment billi l-istess martu kienet bdiet konvivenza ma' l-attur - fatt dan li huwa ħass li tant kien ripunjanti li ma setax jittollera iżjed li jibqa' jgħix magħha taħt l-istess saqaf u qallha biex titlaq, kif effettivament għamlet. Din is-sitwazzjoni l-konvenut jikkwalifikaha bħala "traġedja familjari" u jgħid li kkawżatlu "ħafna uġigħ u dwejjaq kif ukoll depressjoni mentali";

Ikkunsidrat:

Il-Qorti issa trid tgħaddi biex teżamina jekk l-attur

għandux dritt jitlob li l-paternita' tiegħu tiġi reġistrata fiċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-minuri Petra bħala effett konsegwenzjali ta' l-istess dikjarazzjoni ta' paternita';

Dan l-eżami jidher li huwa meħtieġ għaliex jista' jiġi objettat li l-artikolu 81 tal-Kodiċi Ċivili huwa ta' ostakolu għal bdil li l-attur qiegħed jippretendi li għandu jsir fiċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' bintu Petra biex jingħata għarfien bħala missierha;

Infatti, l-imsemmija disposizzjoni tal-liġi tgħid hekk:

"81 (1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben leġittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.

(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben leġittimu ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma' l-att tat-twelid tiegħu";

Dak li jista' jissejjaħ ir-*raison d'etre* ta' din id-disposizjoni tal-liġi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment ta' l-awtur Ricci meta huwa jikkommenta dwar disposizzjoni analoga fil-Kodiċi Taljan. Ricci jgħid hekk: "*La filiazione e' il rapporto o vincolo tra i generanti ed il generato. La unione de due generanti puo' essere giustificata dal matrimonio, e in tal caso la filiazione e' legittima; puo' essere per altro avvenuta extra matrimonium, ed allora la filiazione e' illegittima o naturale soltanto. Di entrambe le specie di filiazione si occupa la legge, ed in primo luogo di quella che dicesi legittima.*

*La natura circonda l'opera della generazione di un velo pudico ed impenetrabile. Lo spingere lo sguardo attraverso questo velo e' opera spesso inutile, sempre dannosa, siccome quella che produce scandolo, ponendo alla luce del giorno cio'*

*che la provvida natura avvolge in un misterioso segreto.Il legislatore pertanto non poteva, ne doveva incamminarsi per questa via pericolosa; ne ha percio' scelta un'altra che ha per punto di partenza un principio di ragione.*

*Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita' del talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvalorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei figli concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giurconsulti romani intesero questo presunzione e l'incarnazione nella formola solenne: pater is est quem justae nuptiae emonstrant. A questo principio, che non e' tanto un dettato dell'antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall'esperienza di molti secoli, si e' attenuato il legislatore patrio, e percio' nell'articolo 159, che il marito e' padre del figlio concepito durante il matrimonio."* (Diritto Civili, Vol. 1, para. 49, pag. 76);

L-artikolu 159 tal-Kodiċi Taljan, ikkwotat mill-awtur Ricci jikkorrispondi għall-artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili tagħna li jgħid: "L-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bla żwieġ jitqies li hu bin żewġ ommu";

Din il-Qorti taqbel għal kollox ma' dawn il-konsiderazzjonijiet espressi b'mod tant elokwenti mill-imsemmi awtur Ricci, pero', għalkemm il-validita' tagħhom għadha tgħodd anke għaż-żminijiet tal-lum, madankollu wieħed ma jistax ma jikkonsidrax li, aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qiegħda taqbad l-egħruq il-fehma li r-realtajiet bijoloġiċi u soċjali għandhom jipprevalu fuq il-preżunzjoni legali li *pater est quem justae nuptiae demonstrant*";

F'dan il-kuntest, huwa opportun li l-Qorti tagħmel

referenza għal każ **Kroon** *et vs* **The Netherlands** li ġie deċiż mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Ottubru, 1994;

Il-każ tressaq minn Catharina Kroon, Ali Zerrouk u binhom Samir m'Hallem-Driss iżda sena wara dan iż-żwieġ tfarrak u Kroon bdiet tgħix ma' Ali Zerrouk u minn din il-konvivenza stabbli ta' bejniethom twieled, fit-18 ta' Ottubru, 1987, binhom Samir u fl-att tat-twelid tiegħu huwa ġie rreġistrat bħala iben Catharina Kroon u żewġha Omar M'Hallem Driss. L-ilment ta' l-applikanti kien li taħt il-Liġi Olandiża ma kienx possibbli li jiġi rreġistrat, fl-Att tat-Twelid ta' Samir, li Omar M'Hallem-Driss ma kienx missier Samir u konsegwentement, Zerrouk ma setax jirrikonoxxih bħala ibnu. Huma bbażaw l-ilment tagħhom fuq l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni li jaqra hekk:

"*Everyone has the right to respect for his private and family life, his home and his correspondence.*

*There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right except such as is in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the economic well-being of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rights and freedoms of others*";

Il-Qorti Ewropeja, fid-deliberazzjonijiet tagħha ħadet in konsiderazzjoni li n-nożżjoni ta' *family ties* fil-preċitat artikolu tal-Konvenzjoni ma kinitx ristretta biss għar-relazzjonijiet ibbażati fuq iż-żwieġ iżda tista' tapplika ukoll għal *de facto family ties* oħra fejn il-partijiet ikunu qegħdin jgħixu flimkien iżda mhux fl-għaqda taż-żwieġ u kompliet tesprimi ruħha hekk: "*In the Court's opinion, "respect" for "family ties" require*

*that biological and social reality prevail over a legal presumption which, as in the present case, flies in the face of both established fact and the wishes of those concerned without actually benefitting anyone. Accordingly, the Court concludes that, even having regard to the margin of appreciation left to the state, the Netherlands has failed to secure to the applicants the "respect" for their family life to which they are entitled under the convention*". Il-Qorti, għalhekk, bi tmien voti kontra wieħed, sabet li kien hemm vjolazzjoni tal-preċitat artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, anke fil-każ odjern ġie stabbilit li teżisti *family tie* bejn l-attur u t-tifla minuri Petra u, għalhekk, l-Istat huwa fid-dover li jaġixxi b'mod li jippermetti li din ir-relazzjoni tkompli tiżviluppa fl-interess ta' l-istess minuri;

Għalhekk, il-Qorti tħoss li l-artikolu 81 tal-Kodiċi Ċivili m'għandux joffri l-ebda ostakolu għall-akkoljiment tat-talbiet ta' l-attur li jirriżultaw legalment fondati;

Għal dawn il-motivi:

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur u hekk tiddikjara (1) li l-attur huwa l-missier naturali tat-tifla Petra bint Eva Vassallo li twieldet fis-17 ta' Settembru, 1993 u konsegwentement (2) tordna li l-paternita' ta' l-attur tiġi rikonoxxuta fl-Att tat-Twelid ta' l-imsemmija minuri Petra li jġib in-numru progressiv 4798/1993, billi ssir il-korrezzjoni meħtieġa fis-sens li l-isem u l-kunjom "Carmel Vassallo" u l-partikolaritajiet kollha konnessi jitħassru u jiġu sostitwiti bl-isem u l-kunjom ta' l-attur ċjoe' Pierre Travers Tauss u l-partikolaritajiet kollha tiegħu b'dan li wara ismu u kunjomu, fil-kolonna intestata *Name and Surname*, jitniżżlu ukoll il-kliem *illegitimate father*;

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.